MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1176/2000/1

**Pierina Micallef**

**-vs-**

**Amor Bentanfous**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet kienu zzewgu bir-rit civili fil-5 ta' Gunju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998);

Premess illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex:

- il-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb bi vjolenza morali; u / jew

- il-kunsens ta’ wahda mill-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalitajiet tal-parti l-ohra li fix-xorti taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewga; u / jew

- il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien inkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fil-hamsa (5) ta’ Gunju, elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba hawn fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-artikolu 19 (1) (a), (c) u (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat illi ghalkemm notifikat bic-citazzjoni, il-konvenut baqa’ ma pprezentax in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Frar 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni ta' l-attrici hi diretta ghall-annullament taz-zwieg taghha minn mal-konvenut.  Hi tallega li dan iz-zwieg celebrat fil-5 ta' Gunju 1998 huwa null in bazi ghal xi wahda, jew aktar, mir-ragunijiet dettati mis-subincizi (a),

(b) u (f) ghall-Artikolu 19(1) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255);

Nonostante li gie debitament notifikat il-konvenut baqa' kontumaci. Dan ma jfissirx li l-Qorti tista' tghaddi 'l quddiem biex tilqa' t-talba attrici izda jinkombi b'dover fuqha illi tassikura li jezistu tabilhaqq ragunijet serji u validi biex iwaqqghu l-kuntratt ta' zwieg bejn il-kontendenti, anke jekk skond l-iskop u spirtu tal-ligi, il-Qorti ser tikkonsidrah mill-ottika civili biss ("**Farrugia -vs- Farrugia**", Appell Civili, 28 ta' Lulju 1987; "**Spiteri -vs- Spiteri**", Appell Civili, 9 ta' Frar 2001);

Dan qed jigi sottlinejat in kwantu anke f'materja civili hu principju kardinali illi l-kuntratti jridu jigu mantenuti u mharsa billi dan hu ta' interess generali u principju ta' ordni pubbliku. Dan ifisser illi huwa imperattiv, fejn ikollok pretiza ta' impunjattiva ta' kuntratt, illi wiehed jipprocedi b'cirkospezzjoni massima biex ma jigix imhassar jew annullat att meta dan, invece, jimmerita li jibqa' in vigore;

Ghalkemm kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu eppure l-kwadru finali li johrog f'dan il-kaz ma tistax tghidlu, jew tqisu, singolari fl-ghamla tieghu u ghalhekk differenti minn dawk ta' ohrajn li l-Qrati huma bil-wisq familjari maghhom. Fil-qosor il-provi f'dan il-kaz qed jigu hekk elenkati:-

(i) Il-kontendenti zzewgu bir-rit civili wara li kienu ilhom midhla ta' xulxin sewwa sew ghal ftit taz-zmien, tnehhi l-perjodu li fih il-konvenut kien qieghed Malta jghix bl-ghajnuna finanzjarja ta' l-attrici;

(ii) L-attrici ghazlet li tizzewweg lill-konvenut, ta' nazzjonalita` Tunezina, biex tghinu jiskansa l-lieva f'pajjizu u biex ikun jista' jakkwista "work permit" f'Malta;

(iii) Wara z-zwieg l-attrici kompliet tghix ghal rasha u l-konvenut ghal rasu fi flat li kien mikri lilu, pero` imhalas bi flus proprji ta' l-attrici;

(iv) Meta l-attrici nqabdet tqila l-konvenut hajjarha tabortixxi ghax ma riedx li t-tarbija tkun ta' xkiel bejniethom. Skond l-attrici, zewgha wera dizinteressament kemm fit-tqala ta' martu kif ukoll versu t-twelid ta' bintu u anke fit-trobbija taghha;

(v) Sa minn qabel ma isseparaw dahlet il-bruda bejniethom u l-konvenut beda jiffrekwenta nisa ohra;

Ix-xhieda l-ohra fosthom il-membri tal-familja ta' l-attrici (fol. 33, 36 u 38 tal-process), habiba taghha (fol. 39) u t-tabib tal-fiducja (fol. 42) jaghtu fidi lill-verzjoni ta' l-attrici, li baqghet inattakkata. Hija tassew hasra li f'numru ta' kazijiet ta' din ix-xorta jew il-parti konvenuta tibqa' kontumaci, volutament, jew minhabba nuqqas ta' interess fil-proceduri, jew il-verzjonijiet ma jigux kombattuti b'kontro-ezamijiet. B'dan il-mod l-inkwadratura tal-fatti spiss drabi ma titqieghedx fil-parametri reali u oggettivi taghhom, u l-Qorti jkollha, ‘*nolens volens’*, tikkampa l-gudizzju taghha fuq il-provi ta' parti wahda biss fil-kawza. B'danakollu l-Qorti ma tistax, u ma ghandiex, tifforma il-gudizzju taghha b'mod semplicistiku izda ghandha tassikura li dawn l-istess provi jikkorrispondu ghal verita` u ghan-normi tal-ligi fir-rigward;

In kwantu bazata fuq id-disposizzjonijiet tas-subincizi (a) u (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 din il-Qorti ma tarax kif l-azzjoni attrici tista' tirnexxi. Lill-Qorti ma rrizultaliex illi fil-kaz in ezami tezisti dik il-biza li tista' twassal sa' l-estrem li tinficja l-kunsens moghti fl-okkazjoni taz-zwieg;

Din it-tema tal-vjolenza morali jew tal-biza gja giet ampjament trattata minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza "**Denise Borg -vs- Christopher Borg**" deciza fil-21 ta' Ottubru 2002, ghal liema qed isir referenza;

B'aggunta tista' issir ukoll referenza ghall-osservazzjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Shirley Anne mart Abdul Fatah Al-Bueshi xebba Perry -vs- Dottor Alfred Mifsud noe**", 22 ta' Novembru 1982, fejn fost affarijiet ohra gie hekk ravvisat:-

"Apparti kollox fil-fehma ta' din il-Qorti biex biza taqa' taht l-artikolu in kwistjoni jrid ikun cert, ta' certa gravita serja u ghandha tigi distinta minn dak li hu misthija u frivolezza u kapricc ta' min ser jaghti l-kunsens. Barra minn hekk trid ukoll tkun realistika.";

Wiehed naturalment japprezza li f'kazijiet konsimili jkollok certu element soggettiv qawwi, u dipendenti mill-edukazzjoni, mod ta' trobbija u cirkostanzi ohra partikolari jew konkomitanti, igibu r-rejazzjonijiet singolari taghhom li mbaghad jinfluwixxu certament fuq il-persuna;

Il-fatt li l-attrici tkun assekondat lil zewgha biex, per ezempju, bhal f'dan il-kaz, tghinu jevita l-lieva jew biex jakkwista licenzja ghax-xoghol u b'dan il-mod tikkuntentah ma jfissirx li kien hemm bilfors kostringiment morali jew li l-atti ma gewx ukoll kompjuti liberament u volutament;

Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)), haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-attrici ma rnexxiliex taghmel;

Huwa fatt li l-attrici dahhlet ghal dan iz-zwieg ghal kollox impreparata, u kien tard wisq infatti meta skopriet il-veri kwalitajiet ta' zewgha. Din l-ispensjeratezza taghha, abbinata mal-kredulita`, ma humiex bizzejjed biex jannullaw il-kuntratt (**Vol. XXIX P II p 832**). "*Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta*`" (**Vol. XXIV P II p 578**). Imkien mill-provi ma jista' jigi ravvisat l-ingann li ta lok ghal ftehim u wassal ghaz-zwieg. Ghaldqastant il-Qorti ma thossx li fuq dan il-motiv iz-zwieg bejn il-kontendenti jista' jigi dikjarat null;

Il-qaghda vizwalizzata taht is-subinciz (f) hi ben differenti. Ghalkemm il-ligi ma tiddefinixxiex x'inhuma l-"elementi essenzjali" tal-hajja mizzewga eppure hu komunament pacifiku illi kif inghad fid-decizjoni "**Micallef -vs- Micallef**", Prim' Awla, 4 ta' Mejju 1993, l-iprem element fiz-zwieg

"huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja bejniethom ('*communio vitae*'). Dan l-element baziku kien tista' tghid ghal kollox assenti fiz-zwieg tal-kontendenti. It-tnejn li huma baqghu jghixu appartati ghal rashom wara z-zwieg, tant li tista' tghid li z-zwieg taghhom kien nieqes mill-imhabba u motivazzjoni genwina li joholqu shubija vera ta' hajja komuni flimkien bid-drittijiet u dmirijiet li tali ghazla necessarjament iggib maghha. Mill-provi akkwisti difficilment jista' jinghad illi l-konvenut ikkonsentixxa, meta ta l-kunsens tieghu, illi d-decizjonijiet jittiehdu flimkien bejnu u martu fl-ahjar interess tal-familja. Kien aktar jinteressah li jakkwista assistenza finanzjarja minn martu biex jissodisfa l-kapricci tieghu, bhax-xiri ta' karozza gdida appena zzewgu. Jidher ukoll li fir-realizzar ta' dan il-pjan li jghix minn fuq martu, il-koncepiment ta' bintu rah ta' xkiel. Effettivament minn dak rakkontat minn martu huwa wera, u ghadu hekk juri, dizinteress qawwi f'bintu;

Dan kollu jaghti lill-Qorti x'tifhem li dan iz-zwieg ma kien xejn hlief wiehed ta' konvenjenza ghal liema l-attrici dahlet ingenwament fih, sempliciment biex tissodisfa u tikkuntenta lill-konvenut u ghal xejn aktar.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji d-domanda attrici u tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett izda dan in raguni biss ta' dak dispost fl-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255).

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenut.

(ft) Philip Sciberras

___________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur